

32006L0075

12.9.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 248/3

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/75/KE**tal-11 ta' Settembru 2006****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi d-dimoxystrobinu bħala sustanza attiva****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 6 (1) tagħha,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-Renju Unit irċieva applikazzjoni fit-28 ta' Novembru 2001 mill-BASF għall-inklużjoni tas-sustanza attiva *dimoxystrobin* fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/593/KE ⁽²⁾ kkonfermat li d-dossier kien "komplut" fis-sens li seta' jkun ikkunsidrat bħala li jissodisfa, fil-prinċipju, il-kundizzjonijiet meħtieġa ta' dejta u informazzjoni ta' l-Annessi II u III tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (2) Għal din is-sustanza attiva, l-effetti fuq is-saħħa umana u l-ambjent kienu ġew ivvalutati, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użu kif propost mill-applikanti. L-Istat Membru *rapporteur* maħtur ressaq abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni li jikkonċerna s-sustanza *dimoxyatobin* lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fl-14 ta' Awissu 2003.rispettivament.
- (3) L-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni għadda minn reviżjoni esperta mill-Istati Membri u l-EFSA fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma ta' Evalwazzjoni tagħha u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fl-10 ta' Awissu 2005 fl-għamla ta' Rapport Xjentifiku ta' l-EFSA għad-*dimoxystrobin* ⁽³⁾. Dan ir-rapport ġie evalwat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ġew iffinalizzati fl-4 ta' April 2006 fl-għamla tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għad-*dimoxystrobin*.

- (4) Mid-diversi eżamijiet li saru jidher li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għandhom is-sustanzi attivi konċernati huma mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) u fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/414/KEE, partikolarment dwar l-użijiet li kienu eżaminati u dettaljati fir-rapport rivedut tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk xieraq li d-*dimoxystrobin* jiġi inkluż fl-Anness I ma' dik id-Direttiva, biex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva jin-għataw skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

- (5) Bla ħsara għall-obbligi definiti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza ta' l-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni sabiex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet provviżorji eżistenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom id-*dimoxystrobin* sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, huma sodisfatti. L-Istati Membri għandhom jittrasformaw l-awtorizzazzjonijiet provviżorji eżistenti, jemendawhom jew jirtirawhom, kif jixraq, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza ta' hawn fuq, għandu jingħata perjodu itwal għall-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dossier sħiħ ta' l-Anness III għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu maħsub skond il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.

- (6) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Direttiva 91/414/KEE skond dan.

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

(1) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar [DAĦĦAL L-AĦĦAR EMENDA].

(2) ĠU L 192, 20.7.2002, p. 60.

(3) *Rapport Xjentifiku EFSA* (2005) 46, 1-82 Konklużjoni dwar ir-reviżjoni esperta ta' l-evalwazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva, *dimoxystrobin* (ffinalizzati: l-10 ta' Awissu 2005).

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif elenkat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw, sal-31 ta' Marzu 2007 l-aktar tard, il-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri, fejn meħtieġ, u fi qbil mad-Direttiva 91/414/KEE, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-*dimoxystrobin* bħala sustanza attiva sal-31 ta' Marzu 2007. Sa dik id-data, dawn, b'mod partikolari, għandhom jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I għal dik id-Direttiva dwar id-*dimoxystrobin* jiġu ssodisfati, minbarra dawk identifikati fil-Parti B ta' l-annotazzjoni dwar dawk is-sustanzi attivi, u li d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għandu, jew għandu aċċess għal, dossier li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness II għal dik id-Direttiva fi qbil mal-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 13.

2. B'deroga mill-paragrafu I, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih id-*dimoxystrobin* sew bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn diversi sustanzi attivi li

kollha kemm huma kienu ġew elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Settembru 2006, l-Istati Membri għandhom jerġġu jevalwaw il-prodott skond il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI għad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III għal dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B ta' l-annotazzjoni fl-Anness III għat-tali Direttiva dwar id-*dimoxystrobin*. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, għandhom jiddeterminaw jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li jiddeterminaw dak, l-Istati Membri għandhom:

- (a) fil-każ ta' prodott li jkun fih id-*dimoxystrobin* bħala l-unika sustanza attiva, fejn hemm il-meħtieġa, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux iktar tard mit-31 ta' Marzu 2008; jew jew
- (b) fil-każ ta' prodott li fih id-*dimoxystrobin* bħala wieħed minn diversi sustanzi attivi, fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Marzu 2008 jew sad-data ffixxata għal emenda jew irtirar bħal dan fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew sustanzi rilevanti ma' l-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skond liema waħda hi l-aktar riċenti.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2006.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

Fl-Anness I, ir-ringieli segwenti huma miżjuda fl-aħħar tat-tabella:

Nru	Isem Komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purity ⁽¹⁾	Dħul fis-seħħ	Skadenza ta' l-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"129	Dimoxystrobin CAS N° 149961-52-4 CIPAC N° 739	(E)-o-(2,5-dimethylphenoxy-methyl)-2-methoxyimino-N-methylphenylacetamide	≥ 980 g/kg	1-1 ta' Ottubru 2006	30 ta' Settembru 2016	PARTI A L-użu biss bħala fungicida jista' jkun awtorizzat PARTI B Fil-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-domoxystrobin għall-użu ta' ġewwa, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(1) (b), u għandhom jaċċertaw li kull data u informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta qabel ma tingħata tali awtorizzazzjoni. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-<i>dimoxystrobin</i>, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali fis-27 ta' Jannar 2006 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom - jagħtu attenzjoni partikolari għall-ilma tal-pjan, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'sitwazzjoni fejn il-fattur ta' l-interċettazzjoni tal-ħxejjex ikun baxx, jew fir-reġjunijiet ta' ħamrija vulnerabbli u/jew kondizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; - jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' l-organiżmi akkwatiċi. Il-kondizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħtu jitolbu li jitressqu - valutazzjoni tar-riskju ottimizzata għall-għasafar u għall-mammiferi bil-konsiderazzjoni tal-formulazzjoni tas-sustanzi attivi; - valutazzjoni tar-riskju komprensiva dwar l-ambjent akwatiku bil-konsiderazzjoni tar-riskju għoli u kroniku lill-ħut u l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni potenzjali tar-riskju partikolarment bil-konsiderazzjoni ta' ħruġ aċċidentali u dranaġġ. Huma għandhom jaċċertaw lin-notifikanti li fuq talba tagħhom id-dimoxystrobin ġie inkluż f'dan l-Anness li jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni sa sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità u l-speċifikazzjoni tas-sustanzi attivi jingħataw fir-rapport ta' reviżjoni.